MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2011

Appell Kriminali Numru. 319/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Maurice Curmi)**
**Vs**
**Concetta Charles**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti (ID811758M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli

f'Mejju 2006 u fis-snin immedjatament preċedenti f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haġa b'ohra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' aktar minn elf lira (LM1000) ghad-dannu ta' Vincent Cassar u martu Frances Cassar, ai

terminu ta' l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprijat ruhha billi dawret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta' Vincent Cassar u martu Frances Cassar, ai termini ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta' Lulju, 2010, li biha wara li rat l-artikoli 308, 309, 310(1)(a), 293, 294, 17, 18, 23, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-appellanti hatja tal-ewwel imputazzjoni u ghaldaqstant illiberataha minnha, sabitha hatja tat-tieni imputazzjoni u ghaldaqstant ikkundannatha terminu ta' prigunerija ta' sena, sospiza ghal erba' snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Ordnat lill-appellanti thallas lil Vincent u Frances konjugi Cassar is-somma ta' €8153 (tmint elef, mija w tlieta w hamsin Ewro) fi zmien sitt (6) xhur ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-appellanti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Concetta Charles (ID no. 811758M) minnha pprezentat fit-8 ta' Lulju, 2010, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirriforma w tvarja s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha in kwantu lliberataha mill-ewwel imputazzjoni fir-rigward tar-reat ta' truffa, kif ukoll in kwantu sabitha **mhux hatja ta' l-addebitu tar-reat** kontinwat, u **tirrevokaha w tħassarha** in kwantu sabitha hatja tar-reat ta' approprijazzjoni indebita w ikkundannataha ghall-piena ta' sentenza ta' prigunerija sospiza, w tilliberaha minn kull imputazzjoni, htija w piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi s-sentenza appellata fiha, bir-rispett kollu, żball kbir fil-kunsiderazzjoni ewlenija li fuqha giet ibbazata l-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-ħtija.

2. Illi l-Ewwel Qorti ħasbet, skorrettement, illi s-somom li ġew elenkati fin-Nota ta' sottomissjonijiet (li jirrispekkjaw it-transfer vouchers esebiti) kienu jirrigwardaw l-adozzjonijiet mill-Pakistan li saru minn Concetta Charles fiż-żmien wara s-sena 2004, u għalhekk ikkonkludiet li l-flus li ntbagħtu l-Pakistan kienu ħafna inqas mill-ammonti li daħħlet. Fil-fatt, izda, mhux hekk. Is-somom li ġew elenkati fin-Nota ta' sottomissjonijiet kienu jirrigwardaw biss l-adozzjoni rikjesta mill-konjugi Cassar.

3. Illi l-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fir-rigward ta' l-element intenzjonali ghar-reat ta' approprijazzjoni indebita huwa kompletament zbaljat.
Il-*mens rea* hija l-intenzjoni rikjesta mil-ligi biex l-agir attribwit ikun jista' jiġi kklassifikat bħala reat. L-element intenzjonali fil-kaz ta' approprijazzjoni indebita hu li l-imputat ikun irid jikseb vantagg illeċitu billi jdawwar għalih innifsu flus li jkunu gew fdati f'idejh ghal skop partikolari. L-impossibilita' per se ta' persuna li tirrifondi flus li tkun intrabtet formalment li se tirrifondi, la tikkrea w lanqas twassal ghal *mens rea* ta' dan ir-reat. Difatti, huwa principju legali ben rikonoxxut illi *ad impossibilia nemo tenetur.*

Dak li zamm lill-appellanti li trodd lura l-flus kienu c-cirkostanzi mweghra li sabet ruħha fihom, kemm bit-tahwid ta' Shabbir Shafkat, kif ukoll bil-grajja li wasslet biex żewġha fl-2006 jigi kkundannat għal piena karċerarja fil-Pakistan – liema piena gie mehlus minnha aktar 'il quddiem meta l-Human Rights Commission fil-Pakistan stabbiliet li Dennis Charles kie ġie misjub ħati u kkundannat mingħajr provi ta' *kidnapping, smuggling* jew

trapjant ta’ organi tat-tfal. Dan sehh wara li l-appellanti, minkejja l-perikoli kbar għaliha ġewwa l-Pakistan (kemm minhabba l-ostilita’ tal-Muslims lejn il-Christians), telgħet hemmhekk u waħedha tħabtet u kisbet il-liberazzjoni ta’ żewġha.

Għalhekk l-Ewwel Qorti marret ferm u ferm żbaljata meta attribwiet *mens rea* ta’ approprijazzjoni indebita lill-appellanti.

Illi jekk wiehed jieħu l-briga li jara minn fuq l-“internet” kemm jiġu jiswew l-adozzjonijiet minn pajjiżi oħra, wieħed jara li l-appellanti ma ppretendiet u ma pperċepiet ebda profitti.

Ikkonsidrat

Li l-ewwelnett dina l-Qorti ma tissostitwix id-diskrezzjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza mogħtija sakemm din tkun waħda li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għaliha.

Għalhekk il-Qorti ser tifli l-fatti ewlenin sabiex tara jekk l-Ewwel Qorti segħetx tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha.
Mix-xhieda tal-Ispettur Maurice Curmi jirriżulta li fis-sena 2006 kien sar rapport minn ċerti Vincent Cassar u martu Frances Cassar fejn kien allegat li huma kienu ħallsu lill-appellanti somma Lm5,500 sabiex iġġibilhom tarbija ta’ seba’ xhur mill-Pakistan fi żmien sena. Kien sar kuntratt fis-sena **2004 g**ħal dan il-għan. It-tarbija baqgħet ma waslitx fiż-żmien stipulat. Għalhekk f’Mejju 2006 kienet tathom lura Lm2,000 u wegħdithom li ttihom il-bqija. Meta l-Pulizija bagħtet għaliha, hi baqgħet tinsisti li kikenet lesta li tirrifondi l-flus.

L-Interpol kienu infurmaw lill-Pulizija ta’ Malta li fis-sena 2002 diversi membri tal-organizzazzjoni li kienet qed tieħu ħsieb l-addozzjonijiet mill-Pakistan, inkluż ir-raġel tal-appellanti, kienu arrestati. Il-Pulizija mexxiet kontra t-appellanti minħabba li din kienet qed tidħol għal dan ix-

xogħol meta żewġha kien diġa' taħt arrest u l-organizzazzjoni ma kenitx teżisti.

Fl-istqarrija tagħha li saret fl-14 ta' Lulju 2006 l-appellanti spjegat kif kienet twaqqfet il-fondazzjoni New United Christian Foundation biex jgħinu t-tfal fil-bżonn fil-Pakistan. Din kienet reġistrata fl-1988. Meta bdew idaħħlu l-flus għall-addozzjoni tat-tfal, dawn il-fondi bdew jużawhom sabiex iżommu dawn it-tfal fil-Pakistan. Baqgħu iġibu t-tfal mill-Paklistan sas-sena 2001. F'Marzu 2002 sar rejd ġo dar fil-Pakistan minħabba li f'din id-dar kienu qed jinżammu xi tfal 'misruqin' – almenu hekk allegaw xi ittri li l-Pulizija tal-Pakistan kienet irċeviet. (Ara dokument f'fol 67) Din is-sitwazzjoni kienet ikklerjata reġgħu bdew iġibu t-tfal u l-aħħar tarbija waslet Malta fis-sena 2005.

Hija qalet li l-flus li kienu tawha l-koppja Cassar sabiex tinġieb it-tifla kienet bagħtithom il-Pakistan il-Western Union. Kienet bagħtithom ftit, ftit, . Hija kellha problema minħabba li l-permess tal-Qorti tal-Paksitan sabiex tinħareġ it-tarbija mill-Pakistan ma kienx ħareġ u dan minkejja li kienet issikkat lill-avukat biex jirsisti ħalli joħroġ dan il-permess.

Il-koppja Cassar għal xi żmien baqgħu jinsistu li tinġieb it-tarbija iżda meta rat li kien ser jinqala' t-trouble ma' tal-familja, **hi stess talbet**[1] biex toħroġ mill-kuntratt tas-16 ta' Settembru 2004 (fol 37). Hekk sar ftit qabel il-Milied tas-sena 2005 f'kuntratt ieħor iffirmat għand in-Nutar. Hi wegħdet li tirrifondi l-flus kollha. Hija kienet tathom Lm2,000 u kienet taf li għad fadlilha ttihom Lm3,500.

Vincent Cassar xehed li kienu għaddew il-flus lill-appellanti sabiex tinġab tarbija mill-Pakistan fi żmien tliet snin. Hekk kien jgħid il-kuntratt għalkemm verbalment l-appellanti semmiet 'sena'. Imbagħad kien hemm xi dokumenti li kienu deskritti bħala 'foloz' (ara fol 52, 53 u 54). u beda jinsisti li l-flus jingħataw lura. Fuq il-bqija ta'

[1] Dan qalitu darbtejn fl-istqarrija u fl-istess faċċata.

tlitt elef u ħames mitt lira Maltija kellu jingħata mgħax bit-8% minn wara ċerta data.

PS 884 Nicolai Spiteri kkonferma bil-ġurament li kien hemm każ kontra żewġ l-appellanti fil-Pakistan u li dan beda fis-sena 2002 waqt li l-Ispettur Chris Galea Scanura xehed li kellhom konferma mill-Pakistan li kienu saru xi arresti u fosthom kien hemm Dennis Charles. Saret ukoll referenza għas-sentenza (20 ta' Mejju 2006) li fiha Denis Charles kien ikkundannat 7 snin priġunerija u multa . (fol 65 u 71).

Fit-8 ta' Jannar 2009, Margo Bajada, second secretary fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin xehdet li d-dokumenti ma kinux inħarġu mill-awtoritajiet kompetenti u ma kinux awtentikati mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin.

Xehed ukoll Ronald Cilia, rappreżentant tal-Fexco Financial Services Limited, li qal li l-appellanti kienet għamlet għaxar transactions sal-aħħar tas-sena 2008. (fol 93). Imbagħad kien hemm transactions oħra bl-Ewro. (fol 95 sa 106).

Emma Vella, rappreżentanta tal-Maltapost ikkonfermat li kienu saru mat-30 transaction (fol 118) minn Malta għal Pakistan. (fol 113).(dokumenti fol 115 sa 122).

Frances Cassar xehdet li l-flus kienu ngħataw lill-appellanti bħala cash.

A fol 126 jidher dokument, datat 8 ta' Mejju 2006, miktub bl-idejn u ffirmat mill-appellanti li hija kellha tagħti s-somma ta' Lm3,500 lill-konjuġi Cassar sat-30 ta' Mejju 2006 u jekk sa dak in-nhar ma jitħallasux hi kellha tibda tħallas imgħax ta' 8% fuq l-ammont dovut.

Dokument ieħor datat 6 ta' Settembru 2005 juri l-addozzjoni ta' Celine kienet f'idejn l-Avukat Mohammed Qari fil-Pakistan. (fol 127).

Dokument ieħor datat 5 t'Ottubru 2005, l-appellanti ddikjarat l-addozzjoni ta' Celine kienet waslet fl-aħħar fażi tagħha, li d-dokumenti kienu f'idejn tal-Avukat tal-Fondazzjoni NUCF u sal-1 ta' Diċembru 2005 l-istess dokumenti u t-tifla jkunu waslu Malta.

F'dokument ieħor datat 6 ta' Novembru 2005, l-appellanti wegħdet li t-tifla kellha tasal mill-Pakistan f'Diċembru 2005. (fol 129).

Kienet ippreżentata sentenza mogħtija mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr Silvio Meli li fiha kien ikkundannat Shafqat Shabbir minħabba falsifikazzjoni u frodi

Xehdet l-appellanti Concetta Charles fis-26 ta' Novembru 2009. Hija spjegat li wara li kienet marret il-Pakistan u poġġiet il-każ tar-raġel tagħha quddiem il-Human Rights Commission kien inħareġ rapport f'April tas-sena 2003 **u r-raġel tagħha kien inħeles**. Hija spjegat fit-tul kif hi kienet daħlet fl-addozzjonijiet u kif kienu jagħtu l-għajnuna lit-tfal t'hemm hekk. Hi qalet li sal-jum li fih xehdet kienet niżżlet 42 tarbija f'Malta mill-Pakistan. Hija kienet ilha tkun ippersegwitata minn dan ir-rapport anonimu mis-sena 1997. Fl-1999 hija kienet għaddiet il-power of attorney li kienet fuqha fuq isem ir-raġel tagħha. Hija qalet li wkoll wara l-inkwiet li nqala' fis-sena 2002, waslet tarbija oħra hawn Malta fis-sena 2003. L-istess ġara fis-sena 2004. Lill-konjuġi Cassar kienet fissritilhom il-problemi li kien hemm u fil kliemha 'Kienu jafu mill-A saz-Z'. Hija kient għamlet l-agreement għal tliet snin biex jekk jinqalgħu xi intoppi jkollha ż-żmien biex issolvi l-problemi. Pero' verbalment qaltilhom li s-soltu fi żmien sena l-addozzjoni ssir. Vincent Cassar beda jissikkaha ħalli tipperswadi lill-Avukat tal-Pakistan sabiex imexxi l-affarijiet ġaladarba l-konjuġi kienu ħallsu l-flus. Dan Vincent Cassar saħansitra kien jheddidha li ser tħallas b'demmha. Fl-aħħar qaltlu li kienet ser tikkanċella l-ftehim u marru għand l-istess nutar u neħħew kollox. S'issa l-fondazzjoni kienet tat refunds u ma kellhiex problemi (fol 161).

Biex l-affarijiet ikomplu jikkomplikaw irwieħhom f'Ottubru 2005 kien inqala' teremot fejn kien joqgħod l-Avukat (fil-Kashmir) u dan kompla żied mal-problemi. Fis-ena 2005 hija kienet keċċiet l-amministratur tal-Fondazzjoni li kien seraq mill-fondi. Dan kien arrestat fis-sena 2007 u kien ikkundannat (ara sentenza aktar 'il fuq). Hija personalment ma kellhiex minn fejn tagħmel refunds minhabba li għal sitt snin sħaħ kienet ħadet ħsieb it-tfal tad-dar (fil-Pakistan) weħidha. Hija lesta li tagħti l-flus bin-nifs. Hija qatt ma kellha f'moħħha li tqarraq b'xi ħadd. Kien hemm familji li ħadu lp-flus kollha fi żmien xahrejn. Żgur ma kenitx xi kwistjoni ta' jinġabru flus għaliha. (fol 164).

Ikkonsidrat

Li l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-imputata ħatja tat-tieni imputazzjoni biss – jiġifieri dik ta' approprjazzjoni indebita. Ma kien hemm ebda sejbien ta' ħtija dwar xi frodi u d-difiża kienet issottomettiet li d-dokumenti mhux vera kienu foloz. Kien għad jonqoshom l-awtentikazzjoni iżda mill-bqija dawn kienu ġenwini. Il-Qorti qalet li s-somma li kienet tingħata ma ngħatatx lura. Il-Qorti qalet li ma ġiex stabbilit x'sar mill-flus li ħadet . Ma hemmx indikat fejn marru l-flus mogħtija mill-konjuġi Cassar. L-Ewwel Qorti qalet li

'tenut kont li l-imputata baqgħet tassisti fl-addozzjonijiet bejn l-2004 u l-2006, l-ammonti ta' flus li ntbagħtu barra minn Malta ma jammontawx għal dak li ngħata lilha, imma għal anqas.'

L-ewwel aggravju tal-appellanti huwa propju fuq dan il-punt. L-appellanti ssostni li :

'Is-somom li ġew elenkati fin-Nota ta' Sottomissjonijiet' kienu jirrigwardaw biss l-adozzjoni rikjesta mill-konjuġi Cassar.'

U għalhekk kienu annessi t-transfer vouchers li jirrigwardaw l-addozzjonijiet mill-Pakistan li saru minn Concetta Charles fiż-żmien qabel is-sena 2004.

Skont ir-rendikont finanzjarju, kif jidher fin-Nota ta' sottomissjonijiet li kienet ippreżentata quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, (dato li l-kuntratt għand i-Nutar kien sar fis-16 ta' Settembru 2004), bejn is-17 ta' Settembru 2004 u t-13 t'Ottubru 2004 kienu saru ħlasijiet 3,256.21 in konnessjoni ma' dan il-każ. Skont l-istess rendikont fis-sena 2005 kienu saru ħlasijiet ta' 3,449 in konnessjoni ma' dan il-każ. B'kollox kienu saru ħlasijiet ta' Lm6705.21 – dejjem skont l-abbli Difensur. Il-Qorti ċċekkjat dawn l-ammonti wieħed, wieħed bil-lapis kif wieħed jista' jara jekk jifli l-proċess. Biss dawn l-ammonti ħadd qatt ma kkonferma bil-ġurament li saru **in konnessjoni ma' dan il-każ** biss u fid-dokumenti, waqt li għandek l-ismjiet tad-destinatarji tal-flus, ma hemm xejn x'jindika li l-flus huma marbutin ma' dan il-każ partikolari. Huwa fatt ukoll li kemm meta għamlet l-istqarrija għand il-Pulizija kif ukoll meta xehdet l-appellanti qatt ma qalet li kienu tħallsu dawn l-ammonti fi flus Maltin **in konnessjoni ma' dan il-każ speċifiku. Huwa xi ftit stramb ukoll kif tkun daħħalt Lm5,500 (skont il-kuntratt), tkun ħriġt aktar (skont ir-rendikont) u punt bħal dan ma tkunx spjegajtu. Kienet ippreżentata dokumentazzjoni voluminuża fuq il-Fondazzjoni waqt li ma kienx ippreżentat rendikont ta' kif intefqu l-flus mogħtija marbuta ma' xi provi biex iservu ta' forċina għal dak li wieħed qed jissottometti u li wieħed jista' joqgħod fuqhom.**

**Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.**

**It-tieni Aggravju**

Dan l-aggravju huwa dwar il-mens rea tal-appellanti. L-argument hu li l-appellanti, kemm waqt l-istqarrija kif ukoll waqt li qed tixhed, baqgħet issostni li hija debitriċi lejn il-konjuġi Cassar u lesta li tħallas meta jkollha l-flus.

L-ewwel problems li għandha din il-Qorti dwar dan il-każ huwa x'ġara eżatt kemm legalment kif ukoll fattwalment.

Jekk wieħed jifli d-dokument a fol 37 (il-kuntratt jew skrittura oriġinali), jara li lejn it-tmiem tiegħu nsibu dan il-kliem:

29 ta' Novembru 2005

Dehru l-partijiet u **rrexxindew** għal kull fini u effett tal-Liġi din l-iskittura.

L-imsemmija Concetta Charles tobbliga ruħha li tirrifondi s-somma ta' ħamest elef u ħames mitt lira (Lm5,500) imħallsa lilha mill-komparenti miżżewġin Cassar fqu l-iskrittura privata sal-31 ta' Diċembru 2005.

Sad-data tad-29 ta' Novembru, 2005, l-ewwel kuntratt kien għadu fis-seħħ u t-tleit snin stipulati fih kienu jispiċċaw fis-17 ta' Settembru 2007.

Effettivament, il-partijiet neħħew min-nofs l-obbligazzjoni antika – jien intik il-flus u inti ġġibli tifla għall-addozzjoni – u minflok daħlu f'obbligazzjoni oħra. Din id-darba l-obbligazzjoni hija ġdida għal kollox għaliex issa saru kanonizazzjoni ta' kreditu. (fol 39).

Isegwi li mid-29 ta' Novembru 2005 saret novazzjoni (ai termini tal-artikolu 1179(a) u 1180(2) tal-Kap 16 li biha ntemmet l-obbligazzjoni li kienet eżistenti qabel u sar kuntratt ġdid.

Minn meta sar il-ftehim wieħed ma jistax iqis aktar li hija kwistjoni ta' approprijazzjoni indebita iżda hija kwistjoni biss ta' kreditu li għadu ma ġiex onorat. **Għal dan jeżistu l-mezzi ċivili kollha biex dan il-ftehim ikun inforzat** bħalma jsir normalment. Kull meta qed tgħid li hi lesta li tħallas qed awtomatikament tinterrompi jew tirrinunzja għall-preskrizzjoni li għaddiet. Mhux kull obbligu kontrattwali li ma jkunx onorat iwassal bil-fors għar-reat ta' approprijazzjoni indebita.

Għal kull buon fini, il-Qorti hija soddisfatta li l-appellanti sabet ruħha f'sitwazzjoni diffiċli minħabba li min kellu jmexxi l-fondazzjoni sab ruħu kkundannat kriminalment

għax ma mexiex mal-mandat li kellu. (Ara s-sentenza ppreżentata). L-Ewwel Onorabbli Qorti korrettemant ikkwotat is-sentenza 'Il-Pulizija vs Raymond Falzon' (17.04.1998) meta jsiru promessi ta' ħlas. Biss il-fatti f'dak il-każ mhumiex l-istess bħal tal-lum. Ta lanqas f'dak il-każ ma kienx hemm kuntratt jew ftehim ġdid dwar kif ser isiru l-ħlasijiet. Dan l-element fil-fatt odjern jibdel kollox. Pjuttost din nil-Qorti tikkwota b'approvazzjoni silta żgħira li kienet ikkwotata mill-Ewwel Onorabbli Qorti a fol 246:

' Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, ilfatto penale, dal esmplie fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giuudiziale, ***che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale.'***

Għal din ir-raġuni l-Qorti qed tilqa' t-tieni aggravju.

Konklużjoni

Il-Qorti għalhekk wara li rat la-rtikoli 308, 309, 310(1)(a), 293, 294, 17, 18, 23, 31 u 533 tal-Kap 9 qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fl-1 ta' Lulju 2010 billi waqt li qed tikkonfermaha fejn ma sabitx lill-appellanti ħatja tal-ewwel imputazzjoni u illiberatha minnha qed tħassarha u tirrevokha fejn l-Ewwel Qorti kienet sabitha ħatja tat-tieni imputazzjoni, kkundannata għal terminu ta' priġunerija ta' sena sospiża għal erba' snin u ordnatha tħalals l-ammont ta' €8 153 fi żmien 6 xhur ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap 9 u minflok qed tilliberaha mit-tieni imputazzjoni u konsegwentement qed teħlisha minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------